**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 27 ta' Mejju 2021

Rikors Numru: 268/2016 AL

**A B**

**vs**

**C D**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u**

**B'Digriet tas-16 ta' Diċembru 2016 l-Avukat Dr Patrick Valentino u l-Prokurtur Legali Helen Valenzia ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-Minuri E B u F B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi,[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

*Dikjarazzjoni tal-Fatti:*

[1] Fol. 1 – 11.

1. *Illi l-esponenti u l-intimat C D, m'humiex mizzewġin, u kellhom relazzjoni intima li minnha twieldu zewġ minuri: E B nhar il-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħdax (2011) u ġiet reġistrata fl-att tat-twelid bl-isem ta' E B, kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tagħha bin-numru 2019/11 (mal-prezenti anness u mmarkat bħala 'Dok A'), u F B nhar l-erbgħa ta' Frar tas-sena elfejn u disgħa u ġiet reġistrata fl-att tat-twelid bl-isem u kunjom ta' F B, kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tagħha bin-numru 680/09 (mal-prezenti anness u mmarkat bħala 'Dok B');*

2. *Illi skond l-Atti tat-Twelid surreferiti, missier iz-zewġ minuri E u F B huwa ndikat bħala missier mhux magħruf;*

3. *Illi il-missier naturali taz-zewġ minuri E u F B huwa l-intimat C D, sar diġa' test ta' DNA ('Dok C') fuq il-minuti E u l-missier;*

4. *Illi l-indikazzjoni ta' 'unknown father' fl-Atti tat-twelid tal-minuri E u Kyron B (vide Dok A u Dok B) huma zbaljati, u dan l-izball sar da parti tal-esponenti;*

5. *Illi l-missier naturali C D ma jipprovdi l-ebda manteniment għall-uliedu;*

6. *Illi f'dawn il-proċeduri l-Avukat Dr Yana Micallef Stafrace u l-PL Marie Claire Bartolo ġew assenjati bħala l-Avukat u l-Prokuratur Legali tal-esponenti. L-esponenti qed tuzufrixxi mis-servizz tal-Għajnuna Legali (vide l-iknartament Għajnuna Legali anness u mmarkat bħala: 'Dok D');*

*Raġuni għat-Talba:*

1. *Illi l-esponenti u l-intimat C D, m'humiex mizzewġin, u kellhom relazzjoni intima li minnha twieldu zewġ minuri: E B nhar il-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħdax (2011) u ġiet reġistrata fl-att tat-twelid bl-isem ta' E B, kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tagħha bin-numru 2019/11 (mal-prezenti anness u mmarkat bħala 'Dok A'), u F B nhar l-erbgħa ta' Frar tas-sena elfejn u disgħa u ġiet reġistrata fl-att tat-twelid bl-isem u kunjom ta' F B, kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tagħha bin-numru 680/09 (mal-prezenti anness u mmarkat bħala 'Dok B');*

2. *Illi skond l-Atti tat-Twelid surreferiti, missier iz-zewġ minuri E u F B huwa ndikat bħala missier mhux magħruf;*

3. *Illi il-missier naturali taz-zewġ minuri E u F B huwa l-intimat C Baldacchini, sar diġa' test ta' DNA ('Dok C') fuq il-minuti E u l-missier;*

4. *Illi l-indikazzjoni ta' 'unknown father' fl-Atti tat-twelid tal-minuri E u Kyron B (vide Dok A u Dok B) huma zbaljati, u dan l-izball sar da parti tal-esponenti;*

5. *Illi l-missier naturali C D ma jipprovdi l-ebda manteniment għall-uliedu;*

6. *Illi f'dawn il-proċeduri l-Avukat Dr Yana Micallef Stafrace u l-PL Marie Claire Bartolo ġew assenjati bħala l-Avukat u l-Prokuratur Legali tal-esponenti. L-esponenti qed tuzufrixxi mis-servizz tal-Għajnuna Legali (vide l-inkartament Għajnuna Legali anness u mmarkat bħala: 'Dok D');*

*Talbiet:*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti, in vista tas-suespost, umilment titlob lill-intimati jgħidu għaliex din l-Onor. Qorti m'għndhiex, previa kull dikjarazzjoni jew provvediment neċessarju:*

1. *Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-intimat C D huwa l-missier naturali tal-minuri E B;*

2. *Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-intimat C Baldacchini huwa l-missier naturali tal-minuri F B;*

3. *Tordna illi l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku iħassar minn fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri E B, (liema Att għandu n-numru 5019/11), il-kliem 'Unknown Father' u minflok jitnizzel isem l-intimat C D bħal l-missier tal-minuri, u kif ukoll, jiġi mizjud, kull fejn jeħtieġ, referenza għall-intimat, senjatament izda mhux biss, ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tiegħu, il-post tar-residenza tiegħu, isem u kunjom missier l-intimat u jekk l-istess missier tal-intimat huwiex ħaj jew mejjet, l-eta' tal-intimat, u kwalsiasi tagħtif ieħor relattiv għall-intimat u li jidhru mal-Att tat-twelid ċitat;*

4. *Tordna illi l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku iħassar minn fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri F B, (liema Att għandu n-numru 680/09), il-kliem 'Unknown Father' u minflok jitnizzel isem l-intimat C D bħal l-missier tal-minuri, u kif ukoll, jiġi mizjud, kull fejn jeħtieġ, referenza għall-intimat, senjatament izda mhux biss, ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tiegħu, il-post tar-residenza tiegħu, isem u kunjom missier l-intimat u jekk l-istess missier tal-intimat huwiex ħaj jew mejjet, l-eta' tal-intimat, u kwalsiasi tagħtif ieħor relattiv għall-intimat u li jidhru mal-Att tat-twelid ċitat;*

5. *Tordna manteniment xieraq għall-minuri E u F B da parti tal-intimat C D.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati,[2] fejn ġie eċċepit: *Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirriservaw illi jippresenteaw risposta ġuramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxielhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern*;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[3] fejn eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-prezentata tar-risposta għadu ma bediex jiddekori;*

2. *Illi bla ħsara għal premess, l-esponent jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak ligħandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-rizultanzi istruttorji;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għalkemm jidher illi ġie prezentat test tad-DNA kemm-il darba dan jitqies li huwa wieħe validu xorta jeħtieġ illi jkun maħluf mit-tekniku li jkun wettaq t-test u dana sakemm l-Onorabbli Qorti ma tħossx*

[2] Fol. 34a – 35.
[3] Fol. 36 – 38.

*il-ħtieġa illi dan għandu jerġa' jsir mill-ġdid Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi bla ħsara għas-suespost f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lil konvenut C D sabiex jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-identita` tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta` tiegħu meta twieled il-minuri, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled il-minuri, (6) Isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled il-minuri. Tali informazzjoni hija meħtiega sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri E u F aħwa B rispettivament;*

5. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri a tenur, a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat illi l-konvenut C D, debitament notifikat bir-rikors ġuramentat nhar il-15 ta' Frar 2017,[4] ma weġibx permezz ta' risposta ġuramentata entro t-terminu stabbilit fil-liġi. Għaldaqstant fl-udjenza ta' nhar l-14 ta' Novembru 2017,[5] C D ġie dikjarat li jinsab fi stat ta' kontumaċja;

Rat l-affidavit tal-attriċi;[6]

[4] Fol. 33a.
[5] Fol. 51.
[6] Fol. 41 – 42.

Rat l-Att tat-Twelid tal-minuri F B, bin-numru progressiv 680 tas-sena 2009;[7]

Rat l-Att tat-Twelid ta' E B, bin-numru progressiv 5019 tas-sena 2011;[8]

Rat in-nota maħlufa minn Dr Renald Blundell datata l-1 ta' Frar 2021, fejn ġie anness it-test xjentifiku rigward il-paternita' ta' E B, redatt minnu stess bil-għajnuna ta' Dr Burkhard Rolf u Astrid Gieβler;[9]

Rat in-nota maħlufa minn Dr Renald Bundell datata l-5 ta' Marzu 2020, fejn ġie anness it-test xjentifiku rigward il-paternita' ta' F B, redatt minnu stess bil-għajnuna ta' Dr Katharina Hannig u Dr Michaela Bosch;[10]

Rat id-dettalji ta' C D;[11]

Rat in-nota tal-attriċi datata 9 ta' Frar 2021, fejn iddikjarat illi l-kunjom tal-minuri għandu jibqa' B;[12]

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum, fejn il-Qorti sejra tgħaddi għall-ġudizzju parzjali tagħha rigward il-paternita' tal-minuri F u E B, u ċjoe' ser tiddeċiedi rigward l-ewwel erba' (4) talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

L-attriċi A B qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara lil konvenut C D bħala l-missier naturali tal-minuri F u E, aħwa B, li twieldu minn relazzjoni li kellhom

[7] Fol. 6.
[8] Fol. 5.
[9] Fol. 7, 80 – 81.
[10] Fol. 73 - 74
[11] Fol. 51.
[12] Fol. 84.

l-attriċi u l-konvenut. L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex wara li C D jiġi kkonfermat bħala l-missier naturali tal-minuri u dan permezz ta' testijiet xjentifiċi, tordna li jsiru l-korrezzjonijiet neċessarji fl-Atti tat-Twelid tal-minuri F u E, liema Atti tat-Twelid iġibu n-numru progressiv 680 tas-sena 2009 u 5019 tas-sena 2011, rispettivament. Sa llum il-ġurnata, il-minuri huma ddikjarati bħala iben missier mhux magħruf u għaldaqstant iġorru l-kunjom tal-omm, *ossia* B. Barra minn hekk, l-attriċi titlob ukoll lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenut iħallas manteniment adegwat għall-minuri aħwa B.

## 2. Il-Prinċipji Legali:

In tema legali jingħad illi l-Artikolu 86A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li fuqu hija bbazata din il-kawza jipprovdi illi:

*"(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*

*(2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85."*

Referenza trid issir għall-Artikolu 100A tal-Kodiċi Ċivili, li jrid jinqara kontestwalment mal-Artikolu 70A subinċiz 1, li jipprovdu hekk rispettivament:

*"F'kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista', mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi."*

*"Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild: (a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li wiled u lill-wild; (b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild; (ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġiu lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."*

### 3. L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:

Fl-ewwel lok, il-Qorti ser tippuntwalizza illi l-azzjoni tal-attriċi hija maqsuma fi tnejn, u ċjoe' l-paternita' tal-minuri u l-manteniment dovut lilhom. Dawn iz-zewġ kwistjonijiet, indubjament, ma jistgħux jiġu deċizi fl-istess sentenza. Fil-fatt dan ġie riċentament ikkonfermat minn din il-Qorti, izda kif diversament presjeduta, fis-sentenza mhux appellata, fl-ismijiet **Av. C Calleja noe vs Jeffrey Farrugia et**,[13] fejn ingħad illi *"jibqa' l-fatt li l-ewwel u qabel kollox irid jigi kkonfermat l-istat tal-wild permezz ta' kawza u sakemm dan isir ma tistax issir talba ohra ghall-hlas ta' manteninment. Inoltre, talba bhal din tirrikjedi li l-ewwel u qabel kollox, jigi kkonfermat il-filjazzjoni tal-minuri, u talba ghall-hlas ta' manteniment ghandha ssir biss wara li jkunu gew segwiti proceduri ta' medjazzjoni".*

Madanakollu dan ma jfissirx illi dawn iz-zewġ kwistjonijiet ma jistgħux jiġu deċizi fl-istess azzjoni izda dan għandu jsir permezz ta' sentenzi differenti, u fil-fatt l-Qorti tevalwa illi jekk wieħed jagħti ħarsa lejn l-artikolu li fuqu qiegħda tiġi ppernjata din l-azzjoni, il-leġislatur ma jipprekludix lill-attriċi milli tressaq flimkien mat-talba ta' dikjarazzjoni għall-paternita', talba rigward il-manteniment, fost oħrajn. Għaldaqstant, u f'dan l-istadju il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi biss il-kwistjoni tal-paternita' tal-aħwa B, u f'kaz li l-ewwel erbgħa (4) talbiet jiġu akkolti minn din il-Qorti, din tal-aħħar tkun konsentita tgħaddi sabiex tisma', tevalwa u tagħti l-ġudizzju tagħha permezz ta' sentenza oħra t-talba rimanenti tal-attriċi rigward il-manteniment.

It-talba tal-attriċi hekk imsejsa fuq l-Artikolu 86A tal-Kodiċi Ċivili, hija azzjoni sabiex l-minuri F u E jiġu ddikjarati bħala l-wild naturali tal-konvenut C D u li huwa jiġi ddikjarat bħala missierhom. Min-naħa l-oħra, u kif ġie ritenut iktar 'il fuq, il-konvenut C D ma intavolax risposta ġuramentata, il-kuraturi deputati għan-nom tal-minuri pprezentaw risposta skjetta mmens, filwaqt li kien biss id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li permezz tar-risposta ġuramentata tiegħu eċċepixxa numru ta' eċċezzjonijiet.

B'referenza għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ġie eċċepit illi l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat hekk kif jipprovdi Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti

[13] Deċiza nhar it-8 ta' Jannar 2021.

tevalwa li din l-eċċezzjoni ġiet sollevata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, hekk legalment rapprezentat mill-Avukat Ġenerali (illum Avukat tal-Istat), bl-intiza li jikkawtela d-drittijiet tiegħu li jkun jista' jressaq ir-risposta ġuramentata entro t-terminu ta' għoxrin jum skont Artkolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt il-Qorti tevalwa li kieku tali eċċezzjoni da parti d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma ġietx issollevata, l-istess Direttur kien ikun fi stadju ta' kontumaċja, tenut kont illi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġie debitament notifikat bir-rikors promotur nhar l-10 ta' Jannar 2017,[14] u kellu jipprezenta r-risposta ġuramentata sa nhar il-31 ta' Jannar 2017, izda tali risposta ġiet ipprezentata nhar is-6 ta' Frar 2017. Konsegwentament mill-atti jirrizulta illi fl-udjenza ta' nhar is-7 ta' Frar 2017, l-avukat rapprezentant tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku dehret għall-ewwel dehra u tat b'ruħha notifikata għall-Avukat Ġenerali, u għaddiet sabiex irtirat l-ewwel eċċezzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti tara li ma hemmx iktar lok li tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz odjern, il-Qorti rat iz-zewġ noti ta' Dr Renald Blundell, ipprezentati u debitament maħlufa nhar il-5 ta' Marzu 2020 u l-1 ta' Diċembru 2020, fejn ikkonferma illi ħa l-kampjuni minn fuq il-minuri u C D, fejn konsegwentament l-istess kampjuni ntbagħtu ġewwa laboratorju fil-Ġermanja sabiex isir l-istudju meħtieġ bejn il-profil tal-minuri u l-konvenut C D.

Kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra. Għaldaqstant il-Qorti tikkonferma li r-rekwiziti rikjesti mil-liġi sabiex l-azzjoni attriċi tirnexxi, ġew pjenament sodisfatti u b'hekk ma jezisti l-ebda dubju dwar il-paternita` tal-minuri ġialadarba huwa ppruvat bl-aktar mod ċar u inekwivoku li F u E, aħwa B, huma l-ulied naturali tal-intimat C D. Għal kull buon fini, l-Qorti tħoss li ikun idoneju illi tissenjala illi isem il-minuri E B, fin-nota u t-test xjentifiku tiegħu,[15] ġie erronjament imnizzel bħala *'KE B'* – liema zball ma ġiex osservat jew indikat minn xi ħadd mill-partijiet f'din l-azzjoni. Madanakollu u dan sabiex jiġu evitati intoppi u kwistjonijiet ulterjuri, il-Qorti ppreferit li tissenjala dan l-izball f'dan l-istadju, li fil-fehma tagħha ma huwa xejn għajr zball ġenwin. Għaldaqstant u tenut kont tas-suespost, il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it-talbiet attriċi.

[14] Fol. 31.
[15] Fol 80 – 82.

B'referenza għar-raba' u l-ħames eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, jirrizulta illi dawn ġew sorvolati. Il-Qorti tinnota illi d-dettalji tal-konvenut C D ġew mehuda fl-udjenza ta' nhar l-14 ta' Novembru 2017 u uħud minnhom ġew replikati permez ta' nota datata 8 ta' Frar 2021,[16] liema dettalji huma neċessarji għall-finijiet tal-Artikolu 278 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward tal-kunjom li għandhom jassumu l-minuri, il-Qorti tinnota li fl-udjenza ta' nhar it-13 ta' Frar 2018 ġie ddikjarat li l-minuri għandhom jassumu z-zewġ kunjomijiet, u ċjoe' *'D B'*. Madanakollu u permezz ta' nota ulterjuri datata 8 ta' Frar 2021, l-attriċi jidher li kellha tibdil fil-fehma tagħha u ddikjarat illi *"il-kunjom tal-minuri għandu jibqa' B, kif ilhom maghrufin kemm ilhom li twieldu ll-minuri u dan anki sabiex ma jkunx hemm kazijiet ta bullying jew b'xi mod jiġu vittimizzati"*.[17]

Il-Qorti rat Artikolu 92 tal-Kodiċi Ċivili, il-ġurisprudenza nostrana u kif ukoll l-etajiet tal-minuri. Jidher li din is-sena, il-minuri għandhom tnax-il (12) sena u għaxar (10) snin, rispettivament u b'hekk il-Qorti hija konvinta illi f'dan l-istadju l-minuri ser jaqbdu dalwaqt it-triq tal-addoloxenza tagħhom, fejn bdew isawru l-identita' u ċirku soċjali tagħhom. F'dan il-kuntest, il-Qorti ser tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Daniela Seisun pro et noe vs Aaron Magro et**,[18] fejn ġie mgħallem: *"Din il-Qorti taqbel ma' dawn il-konsiderazzjonijiet li huma applikabbli ghal kaz odjern tenut kont tal-fatt li l-wild il-kbir illum ghandu 16-il sena u li qieghed fi zmien tal-adoloxxenza fejn persuna tkun qed tiffaccja sitwazzjonijiet li normalment huma assocjati ma' dan iz-zmien f'hajjitha u li l-identita` taghha hija ferm stabbilita bil-kunjom ta' Seisun u, wkoll wara li semghet il-minuri koncernat u anke lil huh ta' 11-il sena, il-Qorti ma tistax taqbel mar-ragunament tal-ewwel Qorti li l-bidla fil-kunjom tkun tirrifletti ahjar dak li issa gie xjentifikament u defenittivament stabbiliet li l-konvenut huwa missierhom"*.

In vista tas-suespost, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tordna li l-minuri għandhom jibqgħu magħrufa biss bil-kunjom ta' ommhom, u ċjoe' *'B'*, u dan in vista tax-xewqa tal-omm stess u kif ukoll tal-etajiet tal-minuri.

**DEĊIDE:**

[16] Fol. 51, 84.
[17] Fol 84.
[18] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar is-7 ta' Frar 2019.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba attriċi u tiddikjara li l-aħwa F B u E B huma l-ulied naturali tal-konvenut C D, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija 415786M;

2. Tilqa' it-tielet u r-raba' talba attriċi u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa l-korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid ta' F B, li jġib in-numru progressiv 680 tas-sena 2009, u kif ukoll fl-Att tat-Twelid ta' E B, li jġib in-numru progressiv 5019 tas-sena 2011, u dan billi jiġu kkanċċellati l-kliem *'Unknown Father'* f'kull att imsemmi u minflok jiġi inserit isem il-konvenut C D u l-konnotati kollha tiegħu; tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex inizzel annotazzjoni fl-Att tat-Twelid ta' F B, li jġib in-numru progressiv 680 tas-sena 2009, u kif ukoll fl-Att tat-Twelid ta' E B, li jġib in-numru progressiv 5019 tas-sena 2011, sabiex jistabbilixxi illi l-minuri għandhom jibqgħu magħrufa bil-kunjom 'B';

3. Tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq it-talba rimanenti attrici diretta lejn il-manteniment tal-minuri, wara li l-partijiet ikunu marru għal medjazzjoni fit-termini tal-Avviz Legali 397 tas-sena 2003; tordna l-estromessjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġialadarba ma għandux interess ġuridiku fit-talba rimanenti u konsegwentament tiddifferixxi l-kawza għall-informazzjoni ulterjuri ghas-7 ta' Ottubru, 2021.

Bl-ispejjez, inkluz tat-testijiet ġenetiċi, għandhom ikunu sapportati mill-konvenut C D.